MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 756/2011

**Melita plc (C-12715)**
**Vs**
**Christianne Spiteri (K.I. 176891M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qieghda titlob l-ammont ta' tlett mija u hamsa u tletin ewro u disa' u hamsin centezmu (€335.59) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal servizz ta' "Data" fil-fond "101", Triq Guze Pace, Hamrun u dan skont l-i*statment* tal-kont numru 558417 liema dokument qed jigi mmarkat "Dok. B"; illi minkejja li l-konvenut gie diversi drabi nterpellat sabiex ihallas, dan baqa' inadempjenti; bl-imghaxijiet skont il-ligi; bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-16 ta’ Mejju, 2012 mill-Avukat Joseph Mizzi w l-fatt li l- konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ tlett mija u hamsa u tletin ewro u disa’ u hamsin centezmu (€335.59) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------